# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 10**

**Ċitazzjoni numru 634/05/1 SM**

**Grezzju Farrugia, Francis Farrugia u Michelina mart Salvu Barbara u Mario Farrugia**

**v.**

**Alexander Barbara u Francesca Farrugia**

Preliminari

1. L-atturi jippretendu li huma, flimkien ma' ħuthom oħra, huma proprjetarji ta' ishma indiviżi minn gardina li fuqha l-konvenuti għamlu kostruzzjoni. Għalhekk għamlu din il-kawża sabiex il-konvenuti jiġu ordnati jirrimwovu tali kostruzzjoni sabiex huma jiġu reintegrati fid-drittijiet ta' proprjeta` pretiżi minnhom. L-ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tagħhom.

Il-konvenuti ħassew ruħhom aggravati b'tali deċiżjoni u għalhekk intavolaw l-appell odjern.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti ser tirriproduċi s-sentenza appellata:

"Il-Qorti,

1. "Rat ic-citazzjoni datata l-1 ta' Lulju, 2005, li permezz taghha l-atturi fuq indikati sintetikament esponew is-segwenti:

1.1. "Illi l-genituri ta' l-atturi fuq riferiti Carmelo u Alessandra konjugi Farrugia akkwistaw il-fond numru 70, gia` 69, Triq Santa Marija, il-Gudja, flimkien ma' giardina ta' kejl ta' madwar dzatax punt hamsa u sebghin, (19.75), qasba kwadra fuq in-naha ta' wara ta' l-imsemmi fond u accessibbli minn Triq Burghat, il-Gudja;

1.2. "Illi l-akkwist de quo sehh permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Joseph Agius u datat iz-17 ta' Marzu, 1976, (ara foll 6);

1.3. "Illi l-imsemmi Carmelo Farrugia, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel), miet fit-2 ta' Gunju, 2004;

1.4. "Illi l-imsemmija Alessandra Farrugia, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel), mietet fil-25 ta' Frar, 1990;

1.5. "Illi s-successjoni ta' Carmelo Farrugia fuq riferit hi regolata b'zewg (2) testmenti:

1.5.1. "Wiehed datat it-28 ta' Frar, 2000, in atti tan-Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin, (ara foll 11);

1.5.2. "Iehor datat it-18 ta' Marzu, 2003, in atti tal-istess Nutar indikat fil-paragrafu precedenti, (ara foll 11);

1.6. "Illi s-successjoni ta' Alessandra Farrugia fuq riferita hi regolata permezz ta' testment in atti tan-Nutar Dottor John Vassallo datat id-9 ta' Frar, 1982;

1.7. "Illi l-atturi huma l-eredi ta' l-imsemmijin Carmelo u Alessandra konjugi Farrugia flimkien ma' huthom l-ohra;

1.8. "Illi ghalhekk l-istess eredi ulied l-imsemmija konjugi Farrugia fuq riferiti huma proprjetarji ta' ishma indivizi ta' l-imsemmija

fond u giardina;

1.9. “Illi l-konvenuti ghamlu benefikat fuq il-giardina de quo u qed jippretendu li huma l-proprjetarji ta’ l-imsemmi porzjon art;

1.10. “Illi l-konvenuti mmanifestaw il-pretensjonijiet taghhom billi bnew fuq l-istess art li hi proprjeta` ta’ l-atturi flimkien ma’ ohrajn;

1.11. “Illi ghalhekk l-atturi aderew din il-Qorti biex il-konvenuti jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandiex:

1.11.1.“Prevja d-dikjarazzjoni li l-atturi huma il-legittimi proprjetarji ta’ ishma indivizi mill-giardina li tinsab fuq in-naha ta’ wara tal-fond 70 gia` 69, Triq Santa Marija, Gudja, liema giardina hi accessibbli minn Triq Burghat, il-Gudja, u hi tal-kejl fuq indikat;

1.11.2.“Tikkundanna lill-konvenuti jirrintegraw lill-atturi fiddrittijiet ta’ proprjeta` taghhom fuq l-art de quo billi jigu kkundannati jhalluha libera u battala a favur l-atturi;

1.11.3.“Tikkundannhom biex fi zmien qasir u perentorju jirrimwovu a spejjez taghhom, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi , kull kostruzzjoni li huma ghamlu fuq il-proprjeta` tal-atturi u fin-nuqqas, biex l-atturi jigu awtorizzati jirrimwovu huma stess kull kostruzzjoni a spejjez tal-konvenuti;

1.11.4.“Bl-ispejjez kif dedotti fic-citazzjoni promotrici kontra l-konvenuti;

2. “Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-atturi pprezentata flimkien mal-fuq imsemmija citazzjoni promotrici li permezz taghha kkonfermaw il-fatti kif minnhom esposti, (ara foll 3);

3. “Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-21 ta’ Lulju, 2005, li permezz taghha l-konvenuti fuq indikati sintetikament esponew is-segwenti:

3.1. “Illi t-talbiet attrici huma nfondati;

3.2. “Illi konsegwentement dawn l-istess talbiet ghandhom jigu michuda;

3.3. “Illi l-ispejjez ta’ din il-procedura ghandhom ikunu kontra l-atturi;

3.4. “Illi mhux minnu li l-atturi huma proprjetarji t’ishma indivizi tal-giardina de quo;

3.5. “Illi fil-kawza fl-ismijiet Giovanni Barbara et vs Carmelo Farrugia et, datata l-31 ta’ Jannar, 1997, citazzjoni numru

247/79FGC, l-ishma *de quo* huma divizi u ben delineati;

3.6. “Illi din il-Qorti ghandha ghalhekk tordna li jigu allegati l-atti talkawza imsemmija fil-paragrafu precedenti flimkien ma’ dawk tal-mandat t’inibizzjoni numru 97/79;

3.7. “Illi mid-data tas-sentenza indikata aktar qabel, (ara paragrafu numru tlieta punt hamsa, (3.5.)), l-atturi pprovaw jottjenu lhrug ta’ mandat t’inibizzjoni fil-konfront tal-konvenuti biex jimpedixxu lill-istess milli jizviluppaw il-parti diviza mill-istess giardina proprjeta` taghhom;

3.8. “Illi t-tentattiv indikat fil-paragrafu precedenti falla meta b’digriet datat iz-19 ta’ Jannar, 2004, l-qorti appozita cahdet il-mandat t’inibizzjoni de quo, (ara foll 21);

3.9. “Illi l-atti tal-mandat riferit fil-paragrafu precedenti ghandhom ukoll jigu allegati mall-procedura odjerna;

3.10. “Illi nonostante dan, l-atturi odjerni baqghu jostakolaw fizikament lill-konvenuti milli jibnu fuq il-parti diviza appartenenti lilhom;

3.11. “Illi biex il-konvenuti setghu jibdew ix-xogholijiet de quo fuq l-istess porzjon diviz in dizamina, kellhu jintalab lintervent tal-Pulizija, (ara foll 22 sa 24);

3.12. “Illi m’hemmx lok ghal kundanna biex il-konvenuti jirrintegraw lill-atturi fid-drittijiet taghhom li effettivament ma jezistux, u ghalhekk it-tieni talba attrici ghandha tigi michuda;

3.13. “Illi t-tielet talba attrici biex tigi rimossa kull kostruzzjoni elevata anke, a spejjez tal-konvenuti, ghandha ghalhekk ukoll tigi michuda;

3.14. “Illi t-talba ghall-hlas ta’ l-ispejjez tal-mandat t’inibizzjoni numru 1389/03NC hi manifestament infondata stante li din il-Qorti diversament preseduta gia` ppronunzjat ruhha firrigward u rrespingiet l-istess talba bl-ispejjez, u konsegwentement ghandha tigi michuda;

4. “Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti pprezentata flimkien mal-fuq imsemmija nota ta’ eccezzjonijiet li permezz taghha kkonfermaw il-fatti kif minnhom esposti, (ara foll 18);

5. “Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-7 ta’ Novembru, 2005, li permezz tieghu, wara n-nuqqas t’opposizzjoni ta’ l-abbli rapprezentant legali tal-atturi, ordnat li l-atti tal-proceduri fuq riferiti jigu allegati ma’ l-atti odjerni, (ara foll 26);

6. “Ezaminat id-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati;

7. “Ezaminat ix-xhieda mismugha min din il-Qorti diversament preseduta;

8. “Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

9. “Semghet it-trattazzjoni orali finali ta’ l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

“Ikkunsidrat:

10. “Illi skont ir-rapport tal-perit tekniku *ex parte* prodott in atti jirrizulta sintetikament is-segwenti:

10.1. “Illi skont il-kuntratt datat iz-17 ta’ Marzu, 1976, in atti tanNutar Dottor Joseph Agius, Carmelo Farrugia fuq riferit kien xtara:

> “... il-fond urban b’giardina mieghu tal-kejl ta’ xi dsaghtax punt hamsa u sebghin qasba kwadri l-Gudja, Saint Mary Street, numru disgha u sittin”, (ara foll 63 u 93);

10.2. “Illi a bazi tal-access kondott mill-istess espert tekniku ex parte fuq riferit, jirrizulta li:

> “... hawn si tratta minn bini u mhux xi parti msaqqfa minn bitha”, (ara foll 64 u 90);

“10.3. Illi l-konkluzjoni riferita fil-paragrafu precedenti hi wkoll rinfurzata mill-fatt li jezistu wkoll kileb li x’aktarx kienu parti mis-saqaf ta’ l-istess ambjent, (ara foll 64,75,77,90,101 u 103);

“10.4. Illi *di piu`,* fl-istess ambjent jezistu wkoll maqjel u postijiet fejn jitrabbew l-annimali, (ara foll 64 u 90);

“10.5. Illi mill-kejl ezaminat mill-istess perit *ex parte* riferit, jirrizulta li l-giardina *de quo* tikkonfigura mall-istess ambjent kif deskritt fil-kuntratt fuq riferit, (ara foll 64 u 90);

“10.6. Illi skont l-istess perit *ex parte* l-izvilupp strutturali riskontrat fil-giardina in dizamina ma kienx qed jigi ezegwit mill-eredi ta’ Carmelo Farrugia li akkwista l-imsemmi fond bil-giardina mieghu adjacenti, (ara foll 65 u 91), permezz tal-kuntratt fuq riferit, (ara paragrafu numru ghaxra punt wiehed, (10.1.), aktar qabel);

“Ikkunsidrat:

“11. Illi minn ezami tax-xhieda prodotta u tad-dokumenti esebiti jirrizulta sintetikament is-segwenti:

“11.1. Illi l-fond *de quo* u l-giardina annessa mieghu kienu gew

originarjament akkwistati minn Carmelo Farrugia permezz tal-kuntratt datat iz-17 ta' Marzu, 1976, in atti tan-Nutar Dottor Joseph Agius, (ara foll 6, 67 u 93);

"11.2. Illi l-fondi in dizamina kienu hekk akkwistati minghand Guzeppa Barbara, in-nanna tal-atturi, (ara foll 124 u 169);

"11.3. Illi parti mill-giardina hekk akkwistata minn missier l-atturi giet mibnija mill-konvenuti – kugini tal-atturi;

"11.4. Illi l-istess giardina kienet tinfed mir-residenza mixtrija minn Carmelo Farrugia kif fuq indikat, izda mhux minn Triq Burghat jew kif indikata mill-perit de quo, Triq Burgrat, il-Gudja, (ara foll 90);

"11.5. Illi in effetti, immedjatament wara r-residenza *de quo*, izda qabel il-giardina in dizamina, jirrizulta li kien hemm bitha fejn kienu jinzammu l-annimali, u dan mill-genituri ta' l-atturi - Carmelo u Allessandra konjugi Farrugia, (ara foll 169);

"11.6. Illi l-konvenuti jirrizulta li invadew il-giardina in dizamina billi fethu apertura minn naha ta' wara taghha, dahhlu fl-istess giardina u bdew jibnuha, (ara foll 169);

"11.7. Illi l-konvenuti ma jirrizulta li jivvantaw l-ebda titolu fir-rigward, (ara foll 170);

"11.8. Illi in effetti l-uniku komunanza li tezisti fir-rigward bejn il-kugini kontendenti hu l-fatt li ghandhom nanniet komuni;

"11.9. Illi l-istess nanniet komuni bieghu ir-residenza *de quo* u giardina lill-missier l-atturi, li hallihom b'eredita` lill-atturi;

"11.10. Illi il-konvenuti ma jirrizulta li ghandhom xi drittijiet x'jivvantaw fir-rigward;

"11.11. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-konvenuti unilateralment u minghajr il-konfort ta' xi dritt fir-rigward, invadew il-proprjeta` tal-atturi u sahansitra bdew jibnu flistess proprjeta` b'disprezz assolut ghad-drittijiet tal-atturi;

"Ikkunsidrat:

12. "Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, din il-Qorti hi sodisfatta li l-atturi pprovaw il-kaz taghhom skont il-ligi u konsegwentement, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, takkolji ttalbiet tal-atturi u ghalhekk:

"**DECIDE:**

12.1. "Tiddikjara li l-atturi fuq indikati huma il-legittimi proprjetarji

ta' ishma indivizi mill-giardina li tinsab fuq in-naha ta' wara tal-fond 70, gia` 69, Triq Santa Marija, il-Gudja, liema giardina hi accessibbli minn Triq Burghat jew Burgrat, il-Gudja, kif fuq deskritta;

12.2. "Tikkundanna lill-konvenuti jirrintegraw lill-atturi fid-drittijiet ta' proprjeta` taghhom fuq l-art *de quo* billi jhalluha libera u battala favur l-atturi;

12.3. "Tikkundanna lill-konvenuti biex fi zmien tlett (3) xhur millum jirrimwovu, a spejjez taghhom, kull kostruzzjoni li huma ghamlu fuq l-istess proprjeta`;

12.4. "Tikkundanna lill-istess konvenuti li kemm -il darba ilperjodu indikat fil-paragrafu precedenti jghaddi inutilment, l-atturi huma awtorizzata jirrimwovu huma stess kull kostruzzjoni a spejjez tal-konvenuti;

12.5. "Illi kemm-il darba fl-istadju indikat fil-paragrafu precedenti l-atturi jhossu l-htiega li jigi appuntat perit tekniku *ex parte* minn din il-Qorti biex jissorvelja xxogholijiet minnhom hekk ezegwiti, dawn ghandhom jintavolaw rikors appozitu ghal dan il-ghan, liema espert tekniku jkun appuntat a spejjez tal-konvenuti.

12.6. "Bl-ispejjez kif dedotti mill-atturi fic-citazzjoni promotrici kontra l-konvenuti."

**<u>Rikors tal-appell tal-konvenuti appellanti Alexander Barbara u Francesca Farrugia (17.03.2015):</u>**

3. Il-konvenuti ħassew ruħhom aggravati bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew dan l-appell minnha fejn talbu lil din il-Qorti biex:

- <u>fl-ewwel lok</u> tilqa' l-ewwel aggravju kontenut f'dan ir-rikors tal-appell (dwar in-nullita` tas-sentenza appellata) u konsegwentement tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u tirrinvija l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex l-atti li kellhom jiġu allegati skont il-verbal tal-ewwel udjenza tas-7 ta' Novembru 2005 jerġgħu jiġu imfittxija u allegati u fin-nuqqas

rikostruwiti;

- <u>fit-tieni lok</u> u kemm-il darba din il-Qorti ma tilqax l-ewwel aggravju, tilqa' l-aggravji l-oħra u konsegwentement tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata, tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħhom, u tiċħad it-talbiet attriċi.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellant.

4. <u>L-aggravji tal-konvenuti</u>, in suċċint, huma s-segwenti:

(i) <u>L-ewwel aggravju</u> – in-nullita` tas-sentenza appellata għaliex il-provi sostanzjali u prinċipali li kellhom jiġu allegati mal-proċess tal-kawża odjerna b'ordni tal-ewwel Onorabbli Qorti stess u senjatament:

(a) **l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 97/1979** fl-ismijiet ***Giovanni Barbara et v. Carmelo Farrugia* et**, u

(b) **l-atti tal-kawża biċ-ċitazzjoni numru 247/1979/FGC** fl-ismijiet ***Giovanni Barbara et v. Carmelo Farrugia* et** deċiża nhar il-31 ta' Jannar 1997,

ma ġewx allegati u l-ewwel Onorabbli Qorti għalhekk ma kinix f'pożizzjoni

li tqis prova daqstant importanti.

(ii) It-tieni aggravju – Is-sentenza mogħtija mill-ewwel Onorabbli Qorti u hawn appellata hija dijametrikament opposta u tmur kontra dak li l-ewwel Onorabbli Qorti kienet irriteniet fil-proċeduri ġudizzjarji preċedenti li kien hemm bejn il-kontendenti jew il-predeċessuri tagħhom fit-titolu dwar l-istess mertu u dwar l-istess proprjeta` ossija ġardina.

(iii) It-tielet aggravju – Fil-mertu, l-ewwel Onorabbli Qorti żbaljat fis-sentenza mogħtija minnha għaliex dak li effettivament kellha tara u tiddeċiedi kien jekk ix-xogħlijiet intrapriżi mill-esponenti kinux qegħdin isiru fuq il-linja ta' delimitazzjoni stabblita mill-Perit Tekniku Rene Buttigieg *o meno*, għaliex bil-mod li ddeċidiet fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti effettivament ġabet fix-xejn is-sejbien kollu li kien il-mertu tal-proċeduri ġudizzjarji ta' qabel li kienu għaddew in ġudikat.

(iv) Ir-raba' aggravju – Fil-mertu jeżistu provi biżżejjed illi l-esponenti ma invadewx il-proprjeta` tal-atturi appellati u li għamlu xogħlijiet fil-proprjeta` tagħhom u li f'kull każ, l-atturi ma ressqux prova sodisfaċenti meħtieġa f'kawżi ta' dan it-tip ossija *actio rei vindicatoria*.

(v) Il-ħames aggravju – Fil-mertu kellu jirriżulta li x-xogħlijiet li għamlu l-esponenti saru fil-proprjeta` tagħhom.

(vi) Is-sitt aggravju – L-esponenti ma setgħu qatt jiġu kkundannati jħallsu l-ispejjeż tal-**mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1389/2003/NC** fl-ismijiet ***Carmelo Farrugia et v. Alexander Barbara et*** għaliex l-esponenti Alexander Barbara kien rebaħ l-istess bl-ispejjeż, liema spejjeż ġew imħallsa lilhom mill-atturi appellati jew min minnhom.

5. Flimkien mar-rikors tal-appell tagħhom il-konvenuti ppreżentaw sensiela ta' dokumenti, li spjegaw li huma mill-atti tal-mandat ta' inibizzjoni **1389/2003/NC**. Qalu li għalkemm fl-eċċezzjonijiet tagħhom kienu talbu li jiġu allegati l-atti ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni, tali allegazzjoni qatt ma ġiet ordnata u l-ewwel Qorti ma ħaditx "*judicial notice*" tagħhom.

**Risposta tal-appell tal-atturi appellati (09.04.2015)**

6. L-atturi appellati wieġbu biex jagħtu r-raġunijiet tagħhom għaliex l-appell għandu jiġi riġettat u s-sentenza appellata kkonfermata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

7. Kwantu għad-dokumenti li ġew esebiti mar-rikors tal-appell, huma joġġezzjonaw għall-produzzjoni tagħhom (ħlief għas-sentenza tal-31 ta' Jannar 1997 re il-kawża 247/79/FGC li diġa` kienet esebita fl-atti tal-

kawża odjerna); dan għaliex ifakkru li sentenzi riċenzjuri qed jagħtu interpretazzjoni restrittiva għall-Artikolu 145 (il-produzzjoni ta' dokumenti fl-istadju tal-appell).

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Jibda biex jiġi osservat li fl-eċċezzjonijiet tagħhom il-konvenuti għamlu riferenza għall-atti tas-segwenti proċeduri, u qalu li huwa l-każ li dawn jiġu allegati mal-atti tal-kawża odjerna.

**(1) Mand/inib 97/79 Giovanni Barbara et v. Carmelo Farrugia et** (il-predecessuri fit-titolu tal-konvenuti odjerni kontra l-predecessuri fit-titolu tal-atturi odjerni) biex jiġu inibiti milli jkomplu jibnu l-ħajt fil-gardina li hija proprjeta` tagħhom.

Il-Qorti (Hugh Harding) innomina lill-perit legali Carmelo Vassallo u perit arkitett Edwin Calleja biex jirrelataw. Il-Qorti qagħdet fuq il-konkluzjonijiet tal-periti li *prima facie* ta' Barbara jidher li kellhom il-jeddijiet pretiżi minnhom u għalhekk fis-26 ta' Jannar 1984 laqgħet il-mandat.

**(2) Kawza ta' spoll 247/79/FGC Giovanni Barbara et v. Carmelo Farrugia et** (il-predecessuri tal-konvenuti odjerni kontra l-predecessuri tal-atturi odjerni) – din il-kawża ġiet intavolata minn Barbara et għaliex

kien qed jinbena ħajt fil-ġardina allegatament proprjeta` tagħhom u fil-pussess tagħhom b'mod li kienet se tiġi segregata parti minnha.

Il-perit tekniku Rene Buttigieg nominat mill-qorti kkonsidra l-provvenjenzi u dokumenti oħra kontrattwali (inkluż kuntratt ta' diviżjoni tal-1936 li permezz tiegħu l-artijiet ipprevenew lill-kontendenti jew awturi tagħhom). Huwa aċċeda fuq il-post u ħejja r-rapport ferm dettaljat u spjegattiv tiegħu fejn ikkonkluda li l-ħajt huwa inoltrat lil hinn minn fejn suppost tkun il-linja divizorja.

Il-Prim'Awla fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Jannar 1997 (esebita anke fl-atti odjerni) qieset li l-perit Buttigieg ikkonkluda li l-ħajt hu mibni fil-proprjeta` tal-atturi Barbara u li "*għalhekk minbarra li l-atturi huma possessuri tal-art ossia giardina li fuqha inbena l-hajt in kwistjoni, jirrizulta wkoll illi din il-giardina hija proprjeta` tagħhom.*"

**(3) <u>Mandat/Inib 1389/2003/NC Carmelo Farrugia et v. Alexander Barbara.</u>**

Wara li ġew stabbiliti l-konfini skont ir-rapport tal-perit Rene Buttigieg, meta Alexander Barbara pprova jibni l-ħajt, ta' Farrugia ostakolawh. Ta' Farrugia ppreżentaw mandat ta' inibizzjoni kontra Alexander Barbara biex jinżamm milli jagħmel xogħlijiet ta' tħammil/kostruzzjoni fil-ġardina.

Alexander Barbara rrisponda li kien qed jaġixxi pjenament fid-drittijiet tiegħu skont il-pjanta tal-perit Buttigieg u s-sentenza tal-qorti. Kien rega' tqabbad Rene Buttigieg u qal li x-xogħol li jrid jagħmel Barbara għandu jkun skont il-pjanta tiegħu u s-sentenza tal-qorti tal-1997.

Il-mandat ta' inibizzjoni ta' Farrugia et ġie miċħud fid-19 ta' Jannar 2004.

9. Fil-fatt fil-verbal tas-7 ta' Novembru 2005 il-qorti (**GC**) ordnat li jiġu allegati tali atti. (L-allegazzjoni tal-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 1389/2003 pero` ma jidhirx li qatt ġie ordnat).

10. Sa sentejn u nofs wara, l-atti tal-kawża 247/79/FGC u l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 97/79 kienu għadhom mhux allegati u fit-3 ta' April 2008 il-qorti (**AL**) ordnat li l-verbal tas-7 ta' Novembru 2005 jiġi kkomunikat lir-Reġistratur tal-Qorti.

11. Fl-udjenza tal-4 ta' Ġunju 2008 id-Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali ppreżenta nota li taqra hekk, u l-qorti ħalliet il-kawża għall-informazzjoni ulterjuri:

> *"Illi l-esponent a tenur tal-verbal tat-3 ta' April 2008 jirrileva li għalkemm saret tfittxija intensiva il-volum fejn hemm il-proċessi deċiżi ta' Jannar 1997 baqa' ma nstabx.*
>
> *"Għal dak li jirrigwarda l-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 97/79 fil-volum kien hemm notament li dan il-mandat kien ittieħed miknn Dr A Farrugia fl-1 ta' Ġunju 1984 (Ara Dok A).*

> *"Tant għandu l-esponent x'jissottometti għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti".*

12. Ma jidher li saret l-ebda riferenza oħra dwar il-kwistjoni tal-atti mitlufa, il-każ kompla għaddej: tressqu x-xiehda, ġew ippreżentati dokumenti (inkluż is-sentenza tal-31 ta' Jannar 1997 (247/79/FGC) u anke r-rapport tal-perit *ex parte* tal-atturi Valerio Schembri).

13. <u>Imbagħad fl-10 ta' Ġunju 2013 l-atturi ppreżentaw rikors fejn talbu li jiġi nnominat perit tekniku</u> biex jaċċedi fuq is-sit sabiex dak indikat fil-kuntratti jiġi ndikat fuq is-sit, oltre li jirrelata dwar il-mertu. Il-konvenuti <u>fir-risposta tagħhom tas-27 ta' Ġunju 2013 oġġezzjonaw minħabba li diġa` kien hemm rapporti tekniċi li jinsabu fl-atti allegati mal-kawża:</u>

> *"Illi in kwantu l-aspett tekniku ta' din il-kawża jingħad li diġa kienu tqabbdu esperti tekniċi li aċċedew fuq il-post u rraportaw b'mod detaljat dwar il-kwistjoni u fil-fatt dawn ir-rapporti peritali diġa jinsabu jagħmlu parti mill-proċess wara t-talba li kienet saret mill-esponenti sabiex jiġu allegati l-atti kollha ta' kawża oħra[1] intrinsikament konnessa ma' din il-kawża bejn l-istess partijiet.*
>
> *"Illi għalhekk huwa inutili li jerġa' jitqabbad perit tekniku sabiex jerġa' jaċċedi fuq ikl-post u jirraporta dwar ikl-mertu għaliex dan ser ikun xogħol doppju u l-ispejjeż ser ikomplu jiżdiedu fil-vojt.*
>
> *"Illi dan huwa tentattiv sabiex ir-rikorrenti jittenta jakkwista rapport favur tiegħu peress li ma kienx jaqbel mar-rapporti l-oħra. Pero` dan mhux aċċettabbli għaliex il-fatti huma dawk li huma u xejn mhu ser jinbidel billi jitqabbad perit ieħor f' dan l-istadju.*
> *…."*

14. <u>Fit-28 ta' Ġunju 2013</u>, l-ewwel Qorti (**SM**) tat digriet fejn "***in vista***

[1] Fil-fatt kellhom jiġu allegati kemm l-atti tal-kawża 249/97/FGC kif ukoll tal-mandat ta' inibizzjoni 97/79

***tar-raġunijiet esposti fl-istess risposta hawn riferita, tiċħad it-talba."*** Tkomplew il-provi u fis-26 ta' Frar 2015 il-kawża ġiet deċiża. Għalkemm l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha għamlet riferenza għall-fatt li kienet ġiet ordnata l-allegazzjoni tal-atti tal-kawża 249/97/FGC u tal-mandat ta' inibizzjoni 97/79, qatt ma reġgħet għamlet riferenza għalihom, lanqas biex tgħid li ma kinux instabu.

<u>L-ewwel aggravju – in-nullita` *o meno* tas-sentenza:</u>

15. Jidher li kien wara li nqatgħet is-sentenza li l-konvenuti indunaw li l-atti tal-kawża 247/79/FGC u tal-mandat tal-inibizzjoni 97/79 ma kinux allegati. Fil-fatt fl-ewwel aggravju tagħhom isostnu li s-sentenza hija **<u>nulla</u>** għaliex l-ewwel Qorti ma kinitx f'pożizzjoni li tqis il-provi tant sostanzjali u prinċipali li suppost kienu allegati.

16. L-atturi appellati da parti tagħhom ifakkru illi l-konvenuti dejjem kienu patroċinati minn avukat tal-fiduċja tagħhom; jaċċennaw għan-nota tad-Direttur tal-Qorti li ġiet ippreżentata waqt l-udjenza tal-4 ta' Ġunju tal-2008, liema nota tinforma li l-atti ma setgħux jinstabu. L-atturi appellati allura jargumentaw illi minkejja tali nota li permezz tagħha l-konvenuti kellhom ikunu jafu li l-atti kienu mitlufa, huma ma għamlu xejn sabiex dawn jinstabu jew sabiex jiġu rikostruwiti, anzi ħallew il-kawża titkompla u eventwalment talbu li tmur għas-sentenza. L-atturi appellati għalhekk

donnhom qed jimplikaw li l-konvenuti irrinunzjaw - taċitament jew indirettament - għall-allegazzjoni tal-atti msemmija.

17. Veru li wieħed jista' jargumenta li l-konvenuti kellhom ikunu jafu bil-fatt li l-atti li kellhom jiġu allegati ma setgħux jinstabu (minħabba n-nota tad-Direttur tal-Qorti li ġiet esebita waqt l-udjenza tal-4 ta' Ġunju 2008, meta d-difensuri tal-partijiet kienu fil-fatt preżenti), iżda fil-fehma ta' din il-Qorti, kwalsiasi nuqqas attribwibbli lill-konvenuti f'dan ir-rigward għadda fuq l-ewwel Qorti stess meta fid-digriet tagħha ċaħdet it-talba tal-atturi għan-nomina ta' perit tekniku għar-raġunijiet mogħtija mill-konvenuti: cioe` li ma kienx il-każ li jiġi nominat perit tekniku ladarba mal-atti tal-kawża hemm allegati l-atti ta' kawża oħra. L-ewwel Qorti f'dak l-istadju kellha taċċenna għan-nota tad-Direttur tal-Qorti u tfakkar li l-atti jinsabu mitlufa. Bil-fatt li l-ewwel Qorti aċċettat din ir-risposta tal-konvenuti u ċaħdet ir-rikors tal-atturi proprju għar-raġunijiet mogħtija mill-konvenuti, kienet qed tikkonferma li l-atti effettivament jinsabu allegati, avolja ma kienx il-każ għaliex kienu għadhom mitlufa. Jekk il-konvenuti (erronjament) kellhom l-impressjoni li l-atti kienu allegati, id-digriet tal-ewwel Qorti stess kien qed jikkonfermalhom tali impressjoni. Għalhekk meta eventwalment il-kawża marret għas-sentenza kellu jkollhom moħħhom mistrieħ li l-atti kienu l-fatt allegati. Ma kienx il-każ li jitolbu r-rikostruzzjoni tagħhom u għalhekk ma jistgħux l-atturi appellati jargumentaw dan in-"nuqqas" kontrihom. Kien effettivament nuqqas tal-

ewwel Qorti stess li ma ordnatx ir-rikostruzzjoni tal-atti.

18. Fil-fatt l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha għamlet riferenza għad-digriet tas-7 ta' Novembru 2008 mogħti minnha (diversament preseduta) li permezz tiegħu ġie ordnat li l-atti tal-kawża 247/79/FGC u tal-mandat tal-inibizzjoni 97/79 jiġu allegati. Għandhom raġun il-konvenuti appellanti jargumentaw li allura ma jagħmel l-ebda sens loġiku jew ġuridiku, li meta l-ewwel Qorti ġiet biex tgħaddi għall-prolazzjoni tas-sentenza u suppost f'dak l-istadju (jekk ma ndunatx qabel) indunat li l-atti ma kinux integri għaliex l-atti li suppost kienu allegati fil-fatt ma kinux, messha issospendiet il-prolazzjoni tal-għoti tas-sentenza u tat l-ordnijiet biex almenu jsir tentattiv biex jekk l-atti jibqgħu ma jinstabux, jiġu rikostruwiti.

19. Din il-Qorti jidhrilha li huwa applikabbli l-Artikolu 790 tal-Kap 12:

> *"Meta quddiem qorti fi grad ta' appell tinġieb 'il quddiem eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata, dik l-eċċezzjoni ma għandhiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha, ħlief jekk l-eċċezzjoni tkun ibbażata fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni jew fuq nuqqas ta' ċitazzjoni, jew fuq illeġittimità ta' persuna jew fuq li s-sentenza tal-ewwel Qorti hija extra petita jew ultra petita jew* ***fuq kull difett ieħor li jippreġudika l-jedd ta' smigħ xieraq."*** <u>(enfasi ta' din il-Qorti)</u>

20. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-fatt li l-atti tal-kawża 247/79/FGC u tal-mandat tal-inibizzjoni 97/79 ma kinux allegati, meta suppost kienu allegati, huwa difett li jippreġudika l-jedd ta' smigħ xieraq ai termini tal-Artikolu 790. *Multo magis* meta jikkontjenu r-rapport tekniku/ pjanti tal-perit Rene Buttigieg b'informazzjoni dettaljatissima u rilevantissima għall-

gardina in kwistjoni u li l-Prim'Awla fil-kawża ta' spoll 247/79/FGC straħet fuqhom biex waslet għall-ġudizzju tagħha[2]. Permezz ta' tali atti – b'mod partikolari r-rapport u l-pjanti tal-perit Rene Buttigieg - l-ewwel Qorti f'din il-kawża kienet tkun f'pożizzjoni li jkollha stampa aktar cara tal-fatti li taw lok ghal kawza u tikkonsidra l-fatti kollha li suppost kellha a dispozizzjoni taghha.

21. Ikkonsidrat dan kollu din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti huwa ampjament fondat għaliex is-sentenza appellata hija fil-fatt nulla għar-raġunijiet fuq mogħtija. Fiċ-ċirkostanzi mhux il-każ li tikkonsidra l-aggravji l-oħra.

**Decide**

22. Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-ewwel aggravju tal-appell tal-konvenuti, tħassar is-sentenza appellata tas-26 ta' Frar 2015 u tibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex il-kawża tiġi deċiża wara li tittieħed konsiderazzjoni tal-atti tal-kawża 247/79/FGC u tal-mandat tal-inibizzjoni 97/79, li inċidentalment issa jidher li ġew rintraċċjati u jinsabu allegati

[2] Il-Perit Rene Buttigieg daħal fid-dettall u spjega fejn għandha tiġi l-linja diviżorja bejn:

(i) Il-gardina ta' 19.45qk retroposta għall-fond 70 gia 69 Triq Santa Marija, Gudja, liema gardina u fond kienu inbiegħu minn Giuseppa Barbara nee Abela lil Carmelo Farrugia fis-**17 ta' Marzu 1976** ; u

(ii) Il-gardina li l-istess Giuseppa Barbara nee Abela, ukoll fis-**17 ta' Marzu 1976** ħalliet permezz ta' testment lil uliedha Nazzarena Farrugia nee Barbara u lil Giovanni Barbara bħala prelegat (1/2 indiviż kull wieħed)

mal-proċess ta' din il-kawża.

23. L-ispejjeż tal-appell għandhom jitħallsu mill-atturi appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm